**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Ottubru, 2018**

**Avviż Nru 115/2015 MLF**

**Michelle Mizzi**

**vs.**

**Roderick Vella**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attriċi fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' sebat elef tmien mija u disgha u ghoxrin Euro (€7,829.00) jew somma ohra verjuri li ma teccedix il-hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), rapprezentanti self li l-attrici hadet mal-Bank of Valletta p.l.c. sabiex il-konvenut xtara vettura tal-marka Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni LCP674. Bl-ispejjez u imghaxijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali (3111/11) kontra l-konvenut.

L-attrici iddikjarat li fi kwalunkwe kaz qieghda tillimita t-talba taghha ghall-massimu ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).

Il-konvenut eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament il-konvenut qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna.
2. Illi preliminarjament ukoll il-konvenut qieghed jeccepixxi n-nullita` tal-atti gudizzjarji u dan ai termini tal-Artikolu 789(1)(a)(c) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak premess kwalunkwe hlas dovut lill-attrici gja gie mhallas, u dan kif ser jigi ampjament ppruvat waqt il-mori tal-kawza.
4. Illi inoltre t-talbiet tal-attrici mhux talli m'humiex certi, likwidi u dovuti, izda talli huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha u id-dokumenti ezebiti

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-konvenut kien il-habib tal-attrici, u mis-sena 2003 damu seba' snin johorgu flimkien.

2. Il-konvenut ried jixtri karrozza, u peress li ma kellux xoghol fiss talab lill-attrici sabiex tiehu self mill-bank f'isimha biex jixtri l-karrozza, ghax hu ma kienx eligibbli biex jinghata self mill-bank. Fid-29 ta' Settembru, 2010 il-Bank of Valletta p.l.c. approva s-self fuq l-attrici.

3. L-ammont approvat mill-Bank kien ta' sebat elef tmien mitt Euro (€7,800.00) bhala kapital (Dok.MM2) *fol.37*. Kien hemm ukoll erbghin Euro (€40.00) processing fee. Ir-rata ta' pagament lura tas-self kellu jkun ta' mitejn u erbghin Euro (€240.00) fix-xahar fuq perjodu ta' tlett (3) snin. Ir-rata tal-imghax kienet ta' 4.25% per annum.

4. L-ammont ta' sebat elef tmien mitt Euro (€7,800.00) thallas permezz ta' cekk lil Charlot Scerri[1], li minghandu nxtrat il-Volkswagen Golf, u li ggib n-numru ta' registrazzjoni LCP-674. Il-vettura giet registrata fl-1 ta' Ottubru, 2010 fuq isem il-konvenut.

5. L-attrici temmet ir-relazzjoni mal-konvenut tlett xhur wara li ttiehed is-self.

6. Il-konvenut effettwa tlett pagamenti mal-attrici ta' €240-il wiehed fi flus kontanti, u mbaghad wara li nqala l-inkwiet bejniethom ma baqghax itiha flus biex thallas is-self.

7. Il-hlas tas-self kien qed isir billi jaqtghulha fl-ahhar tax-xahar mill-paga. Pero` wara dawn l-ewwel tlett xhur l-attrici spiccat bla xoghol, u ghalhekk ma sarux aktar pagamenti. Fit-30 ta' Settembru, 2015, l-ammont dovut lill-Bank kien tela' ghal tmient elef hames mija u hamsa u tletin Euro u disa' centezimi (€8,535.09).[2]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel Eċċezzjoni Preliminari – Il-Preskrizzjoni*

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut eccepixxa *"l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna"* minghajr ma specifika l-artikolu u/jew jekk inhu l-kaz is-subinciz li tahtu qieghed jinvoka l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia**, deciza fit-22 ta' Gunju 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[3] irriteniet hekk:

*« … … (S)kond l-Artikolu 2111 Kodici Civili "il-qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata". Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka d'ufficio il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-gudikant*

---

1 Xhieda ta' Sharon Cachia rapprezentant tal-Bank of Valletta, fol.65 u Dok MM1 a fol. 36 tal-process.

2 Dok.MM4, fol. 45.

3 *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*jassumi d'ufficio tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni tal-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta;*

*Kif deciz, "peress li din hi preskrizzjoni invokata mill-appellant il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f'materja ta' preskrizzjoni ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fundamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik ghanda tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk hemmx xi preskizzjoni li tista' tkun opponibbli peress illi hija materja kollha ta' kuxjenza" –* ***Kollez. Vol. XXXIII P I p 481****;*

*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f' dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b'mod sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f'ben hames incizi distinti jiprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra" – "****Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et****", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977;*

*Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti. In bazi ghall-konsiderazzjonijiet suddetti, r-ragjonament tat-Tribunal ma jistax jitqies censurabbli. Konsegwentement, l-aggravju sollevat qed jigi michud; »* (ara fl-istess sens is-sentenza **Futura Home Appliances Co. Ltd. vs John Peresso**, deciza fis-16 ta' Marzu 2005, mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)).[4]

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, stante li huwa ma indikax l-artikolu, u wisq inqas is-subinciz tieghu, jekk inhu l-kaz, li tahtu qieghda tigi eccepita din il-preskrizzjoni.

[4] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*It-Tieni Eccezzjoni Preliminari – In-Nullita tar-Rikors Promotur*

It-tieni eccezzjoni tirrigwarda n-nullita` tal-atti gudizzjarji ai termini tal-Artikolu 789(1)(a)(c) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa il-proviso ghall-istess Artikolu 789(1) jippreskrivi illi: *"Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi."*

Tali eccezzjoni hija pjuttost dilatorja, u bla bazi, fis-sens li l-konvenut ma specifikax ghala qed titressaq tali eccezzjoni, u ghall-grazzja tal-argument biss, kieku d-difett gie rilevat seta' kien il-kaz li jissewwa. Fi kwalunkwe kaz, minn analizi tar-rikors promotur, ma jidher li hemm ebda nuqqas la fil-forma lanqas f'xi partikolarita` essenzjali li tehtieg il-ligi, u lanqas m'hemm nullita` dikjarata mill-ligi espressament.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ma tarax kif din l-eccezzjoni tista' tigi akkolta.

*It-Tielet Eccezzjoni – Il-Pagament*

Fit-tielet eccezzjoni tieghu, il-konvenut jeccepixxi illi kwalunkwe hlas dovut lill-attrici gia gie imhallas. Tajjeb li jinghad li l-konvenut la qatt deher ghal dawn il-proceduri u lanqas ipproduca provi.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici jirrizulta li saru biss tlett pagamenti mill-konvenut biex ikopru l-ewwel tlett pagamenti mensili dovuti lill-Bank. Dawn il-pagamenti saru lill-attrici. Intant il-Bank kien jeffettwa l-hlas mensili permezz ta' *direct settlement* mill-paga tal-attrici. Jirrizulta li sat-30 ta' Settembru, 2015 l-ammont dovut kien ta' tmient elef hames mija u hamsa u tletin Euro u disa' centezimi (€8,535.09).

Ghaldaqstant, certament mill-provi jirrizulta li l-konvenut ma ippruvax li hu hallas l-ammont intier dovut mill-attrici lill-bank ghas-self li hadet sabiex hu xtara l-karozza.

*Il-Mertu*

Mill-provi jirrizulta li l-attrici hadet self f'isimha mill-Bank sabiex bil-flus il-konvenut ikun jista' jixtri vettura ghall-uzu tieghu. Fil-fatt din il-vettura inxtrat u kienet u baqghet fil-pussess tal-konvenut.

Pero, l-konvenut naqas li jaghti l-flus lill-attrici sabiex hi tkompli thallas is-self li hadet bhala presta nomine tieghu, hlief ghall-ewwel tlett pagamenti mensili dovuti lill-Bank. U li effettivament l-attrici hallset lill-Bank. Konsegwentement, jirrizulta ampjament li l-ammont pretiz mill-attrici huwa u ghadu dovut, u mieghu ghandhom jizdiedu l-imghaxijiet sal-guranata tal-lum. Meta wiehed iqies ukoll l-ammont ta' imghax, dan ma jeccedix il-kompetenza ta' din il-Qorti. Pero` fi kwanunkwe kaz, l-attrici illimitat it-talba taghha ghall-massimu ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).

L-imghax kien bir-rata ta' 4.25% per annum. Mill-istatement ezebit cioe dak tat-30 ta' Settembru 2015, jirrizulta li l-ammont kien ta' tmient elef hames mija u hamsa u tletin Euro u disa' centezimi (€8,535.09). Mid-data ta' dan l-istatement, ghaddew 36 xahar, li jtellghu l-imghax kalkolat a scaletta ghal elf u disgha u disghin Ewro u sittax-il centezmu (€1099.16), gurnata tal-lum, u cioe sal-10 ta' Ottubru, 2018. Ghalhekk it-total dovut lil Bank sal-lum huwa ta' disat elef sitt mija u erbgha u tletin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€9,634.25). Dan huwa l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici, sabiex hija tkun tista' thallas lill-Bank.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti

1. Tichad l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;
2. Tichad l-eccezzjoni tan-nullita` tal-atti gudizzjarji ai termini tal-Artikolu 789(1)(a)(c) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Tichad it-tielet eccezzjoni u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut;

4. Tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ disat elef sitt mija u erbgha u tletin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€9,634.25), bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.
5. L-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 3111/11, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**